– ISTANZA TA' MASTRUDAXXA BIEX JITHALLAS GHAX-XOGHOL LI WETTAQ –
– KUNCETT TA' RAPPORT GURIDIKU –
– KUNCETT TA' KONTRADITTUR LEGITTIMU –
– ARTT. 998 U 999(1) TAL-KODICI CIVILI: PRESUNZJONI LI PERSUNA TIKKONTRATTA GHALIHA STESS –
– ART. 1148 TAL-KODICI CIVILI: TERZ JISTA' JHALLAS DEJN TA' HADDIEHOR –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **12/2017**

**RAYMOND BORG**
[K.I. NRU. 451957M]

***VERSUS***

**VINCENT VELLA** [K.I. NRU. 175467M] U SKOND IL-VERBAL TAT-23 TA' FRAR, 2017 GIET KJAMATA FIL-KAWZA **ISABELLE BELLIA** [K.I. NRU. 299978M]

B'Avviz tat-Talba mressaq fl-10 ta' Jannar, 2017, l-attur talab li l-konvenut Vincent Vella jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' elf, mija u sittin ewro (€1,160.00c) u dan wara li ppremetta hekk:

> L-attur hu kreditur tal-intimat fl-ammont ta' elf, mija u sittin ewro (€1,160) liema ammont huwa bilanc dovut minn somma akbar ghal xoghlijiet li saru mill-attur lill-istess intimat, liema xoghol kien jikkonsisti f'ghamara gewwa l-fond li jinsab fi Triq it-Tuffieh, Naxxar.
>
> Peress li l-intimat anke wara diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas tal-bilanc, inkluz l-ittra ufficjali numru 695/2016[1], irrifjuta li jhallas, l-attur qed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:
>
> 1. Jiddikjara lill-intimat bhala debitur ta' l-attur fis-somma ta' elf, mija u sittin ewro (€1,160); u

[1] Li ghandha d-data tat-28 ta' April, 2016 (ara *a fol.* 2) u li giet notifikata fis-7 ta' Mejju, 2016 (ara *a tergo* ta' *fol.* 2).

2. Jordna lill-intimat ihallas lill-attur l-ammont dovut cioè ta' elf, mija u sittin ewro (€1,160).

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 695/2016.

Il-konvenut Vincent Vella gie notifikat bl-Avviz tat-Talba fl-20 ta' Jannar, 2017 (ara *a fol*. 6) u ressaq Risposta fit-2 ta' Frar, 2017 (ara *a fol*. 7) fejn eccepixxa hekk:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:

   (a) l-esponent ma huwiex il-legittimu kontradittur;
   (b) il-ftehim fuq ix-xoghlijiet gew konkluzi bejn ir-rikorrent u terza persuna u cioè Isabelle Bellia li kienet qed tikri l-fond ossia hanut fejn saru x-xoghlijiet tant illi l-istess Isabelle Bellia hallset id-depozitu lir-rikorrent fuq l-ghamara u xoghlijiet ordnati minnha ghal hanut mentri l-bilanc reklamat mir-rikorrent kien ukoll dovut minn Isabelle Bellia u dan kif hija stess irrikonoxxiet permezz ta' skrittura annessa u mmarkata bhala Dok: A.

2. Illi l-ebda ammont ma huwa dovut mill-intimat. Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2017 giet ordnata s-sejha fil-kawza ta' Isabelle Bellia (*a fol*. 15).

Notifikata bl-atti ta' dan il-procediment fl-4 ta' April, 2017 (ara *a tergo* ta' *fol*. 17), il-kjamata in kawza ma attivatx ruhha u kienet waqghet fi stat ta' kontumacja.[2] Sussegwentement, l-istess imsejjha fil-kawza talbet biex tiggustifika l-kontumacja taghha u tigi permessa tressaq l-eccezzjonijiet taghha[3] u b'digriet moghti fl-udjenza ta' l-14 ta' Dicembru, 2017,[4] u ghall-motivi fih espressi, il-kjamata in kawza giet koncessa l-fakultà li tintavola Risposta.

Il-kjamata fil-kawza ressqet r-Risposta taghha fid-29 ta' Dicembru, 2017 (a fol. 40), li fiha gie eccepit dan:

---

[2] In fatti, fl-udjenza tad-19 ta' Settembru, 2017 kien gie registrat hekk: "*It-Tribunal jinnota illi l-Kjamata in Kawza Isabelle Bellia giet debitament notifikata bl-atti fl-4 ta' April, 2017 (ara a tergo ta' fol. 17) izda ma ressqet ebda risposta fit-terminu li trid il-Ligi u lanqas dehret ghas-seduta tal-24 ta' Apri, 2017, li tigi s-seduta immedjatament wara n-notifika msemmija, u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-llum. it-Tribunal ghalhekk qed jikkunsidra lill-istess Kjamata in Kawza Isabelle Bellia fi stat ta' kontumacja skont it-termini tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta.*" (*a fol*. 23)

[3] Ara rikors taghha datat 8 ta' Novembru, 2017 (*a foll*. 28–29). Ara wkoll risposta tal-konvenut Vincent Vella datata 17 ta' Novembru, 2017 (*a foll*. 30–32). L-attur ma ntavolax risposta ghall-imsemmi rikors.

[4] Ara digriet *a foll*. 35–38.

1. Illi preliminarjament, hija ma hijiex il-legittimu konradittur u giet kjamata in kawza inutilment sabiex twiegeb ghall-pretensjonijiet attrici stante illi hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur Raymond Borg u ma tezisti ebda pretensjoni da parti tal-istess attur fil-konfront taghha, kif jista' jikkonferma l-attur innifsu;

2. Illi subordinament, il-konvenut Vincent Vella lanqas ma ghandu jew precedentement ivvanta xi pretensjoni fil-konfront tal-kjamata in kawza dwar il-mertu ta' din il-kawza u dan kif rega' gie kkonfermat ricentement mill-istess konvenut;

3. Illi t-talbiet tal-attur jirrigwardaw hlas ghal oggetti mobbli li gew ordnati mill-konvenut, installati fil-proprjetà tal-konvenut u jinsabu fil-pussess u t-tgawdija unika tal-istess konvenut u mhux tal-kjamata in kawza;

4. Illi ghaldaqstant, kwalunkwe pretensjoni attrici ghandu jwiegeb ghaliha unikament u esklussivament il-konvenut Vincent Vella;

5. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kjamata in kawza qieghda tirrespingi t-talbiet kollha attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt safejn dawn jitqiesu fil-konfront taghha;

6. Illi l-kjamata in kawza taf b'dawn il-fatti personalment u se tikkonfermahom fil-kors tal-kawza.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra l-partijiet l-ohra fil-kawza.

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru, 2019[5] u t-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-atti processwali intieri u kif ukoll tas-sottomissjonijiet bil-fomm finali tad-difensuri tal-kontendenti.[6] Fl-istess imsemmija udjenza il-procediment thalla ghad-decizjoni, illi qed tigi moghtija illum.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali;

It-Tribunal jikkunsidra;

L-isfond fattwali ta' dan il-kaz jista' jigi brevement deskritt kif gej: l-attur, li jahdem bhala mastrudaxxa, wettaq xi xoghlijiet ta' ghamara destinata ghall-gewwa fond, ossia hanut, fin-Naxxar tal-konvenut (Vincent Vella), liema fond kellu

[5] Ara *a fol*. 134.
[6] Tali sottomissjonijiet gew traskritti u jinsabu *a foll*. 138–143.

eventwalment jintuza mill-kjamata in kawza (Isabelle Bellia) bhala inkwilina tieghu biex tiggestixxi negozju ta' 'Beauty & Hair Salon' ("outlet ta' trattamenti ta' sbuhija u ghax-xahar u dwiefer"[7]). L-attur isostni li hu kien gie avvicinat u kummissjonat mill-istess konvenut biex iwettaq tali xoghol ta' ghamara u li sussegwentement thallas depozitu akkont ta' €1,000.00c minghand il-kjamata in kawza u li meta ra li l-bilanc kien ser jibqa' ma jithallasx, hu avvicina lill-konvenut ghar-rimanenti €1,160.00c.[8] Dan l-ammont baqa' ma thallasx lill-attur u b'hekk irrivolga l-kwistjoni lill-awtoritajiet gudizzjarji (din il-kawza). Il-konvenut jirrezisti ghal tali pretiza billi jsostni li ghandha tkun il-kjamata in kawza li ghandha tissalda tali ammont u dan ghaliex l-ghamara sehhet fuq struzzjonijiet u ghall-beneficcju taghha *qua* inkwilina. Huwa ghalhekk li din giet imsejjha fil-proceduri sabiex twiegeb ghall-istanza ta' l-attur. Da parti tal-kjamata in kawza, hi tghid li hi m'ghandha x'taqsam xejn ma' l-ordni tax-xoghlijiet imwettqa mill-attur u li l-azzjoni attrici ghandu jwiegeb ghaliha esklussivament u unikament il-konvenut li kkummissjona l-istess.

Hekk kif emergenti mid-deskritta grajja, il-konvenut jitrasferixxi l-obbligu fuq il-kjamata in kawza u din ta' l-ahhar tirritalja billi taddossa l-obbligu ta' hlas lura fuq l-istess konvenut. Ghalhekk, quddiem dan kollu, l-attur huwa ridott ghal meru spettatur, jistenna li tigi gudizzjarjament individwata l-parti li ghandha l-obbligu li thallsu. Tali diskordja tippostula d-domandi: min huwa marbut ma' min f'din il-grajja u min hu tenut iwiegeb ghal dak li jinsab jippretendi l-attur? Allura, hawnhekk jidhlu in diskussjoni numru ta' precetti legali illi wiehed ta' bilfors ikollu kjarament jiddefinixxi peress li l-istess precetti, fil-fehma tat-Tribunal, huma intrinsikament is-sinsla tal-procediment odjern u huma l-boxla li tigwidah lejn il-konkluzjoni tal-kaz, biex b'hekk jigu mwiegba d-domandi appena maghmula.

Ghandu jigi l-ewwel u qabel kollox definit ir-rapport guridiku li jghaddi bejn il-partijiet u ghandu ukoll jigi stabbilit min huwa l-kontradittur legittimu di fronti ghall-azzjoni attrici. Dawn huma zewg tematici li huma ferm simili ghal xulxin u entrambi huma materji inter-konnessi u, sa certu punt, entrambi huma konsegwenzjali u anke accessorji ghal xulxin. Stabbilit ir-rapport guridiku, minn tali qaghda jispikkaw il-partecipanti fih u ghalhekk johrog il-legittimu kontradittur f'kaz ta' xi pretensjoni. Ugwalment, jekk jigu identifikati l-partijiet, u allura l-kontradittur legittimu ghal xi pretiza fost tali partijiet, wiehed jirrisali ghar-rapport guridiku li javvolgi lil dik ir-relazzjoni.

[7] Ara klawsola §5 tal-kuntratt ta' kera datat 16 ta' Marzu, 2015 (*a fol*. 12).
[8] Ara stima tax-xoghlijiet fl-ammont komplessiv ta' €2,160.00c datata 6 ta' Gunju, 2015 (*a fol*. 48).

Ghalhekk, qabel ma l-fatti partikolari tal-kaz jigu evalwati u interpretati, ikun meritevoli li hawnhekk it-Tribunal jittenta jiddeskrivi u jiddifenixxi l-imsemmija zewg kuncetti legali. Wara tali diskussjoni, id-dimensjoni fattwali – u l-apparenti dizgwid li din iggorr – tigi awtomatikament rizolta.

Bil-wisq naturali l-ewwel u qabel kollox ghandha tigi definita dik ir-relazzjoni guridika li tghaddi bejn it-tlett kontendenti *de quo*. U hawnhekk it-Tribunal jiehu l-okkazzjoni biex jittenta jiddeskrivi tematika li fil-verità ftit li xejn giet affrontata fil-gurisprudenza Maltija – eccetto ghal ftit sentenzi li jissemmew *infra* – u din hija l-materja tar-rapport guridiku.

**Rapport Guridiku**

Generalment, kwalsiasi aggregazzjoni socjali – religjuza, kulturali, industrijali, kummercjali, inter-personali, ecc. – tinnecessità determinati regoli li jehtiegu jigi osservati minn kull minn jaghmel parti minnhom, bil-ghan li tigi accertata u anke garantita certa konvivenza pacifika halli jigu attwati l-iskopijiet persegwiti, kemm individwalment u kif ukoll kollettivament. L-ordinament guridiku ta' pajjiz ihaddan apparat kumpless ta' normi guridici li jivvinkolaw kull cittadin u li jipprevedu, f'kaz ta' vjolazzjoni jew non-osservanza, konsegwenzi partikolari jew sanzjonijiet specifici. Id-Dritt, ghalhekk, m'huwa xejn hlief l-aggruppament ta' tali regoli fuq liema hi fondata u bazata l'organizzazjoni socjali.

Madanakollu, fl-istudju tad-Dritt u n-normi li jiffurmawh, ma jinteressawniex ir-rapporti kollha li jinterkorru bejn zewg persuni jew izjed, izda jinteressawna solament dawk li ghandhom rilevanza partikolari u specifica fil-Ligi. Dan iwassal ghal certu forom ta' inter-relazzjonijiet (li jafu jkunu multi-formi, misti, semplici u/jew kumplessi) li minnhom jitnissel l'hekk imsejjah «rapport guridiku»[9], ossia dak il-legam (li huwa vinkolu kemm legali u kif ukoll fattwali) li javvolgi l-interessi u l-jeddijiet tas-soggetti u lis-soggetti nfushom di fronti ghall-ordinament guridiku.

Issa, ir-rapport guridiku jista' jkun ir-relazzjoni bejn zewg persuni jew izjed regolati mid-Dirtt (e.g. relazjoni bejn is-sid u l-inkwilin, min ihaddem u l-impjegat, il-bejjiegh u x-xerrej, il-kommittent u l-appaltatur, il-kreditur u d-debitur, *joint venture*, ecc.) u tista' tkun ukoll relazzjoni bejn soggetti u beni (e.g. dirittijiet reali, jeddijiet posessorji jew ta' mera detenzjoni) ilkoll dixxiplinati min-normi legali

[9] Dan hu differenti minn dak li fid-duttrina hu maghruf bhala «rapporto giuridico processuale», liema rapport jappartjeni lid-Dritt Pubbliku (jew Amministrattiv) illi hu, "*intercorrente fra le parti, o insieme fra le parti tra di loro e fra queste e lo Stato, o fra le parti e le singole persone fisiche che agiscono come giudici o, infine, come un rapporto che corra unicaente fra le parti e lo Stato*." (*cfr*. **UGO ROCCO**, "Trattato di Diritto Processuale Civile", UTET 1957; p. 381)

relattivi u applikabbli.[10] Tali posizzjoni hi generikament kostitwita minn almenu tlett elementi, li huma: il-partijiet, l-oggett u l-kontenut ta' l-obbligu.

Il-partijiet huma s-soggetti direttament interessati illi bejniethom jigi instawrat ir-rapport guridiku u f'din ir-rabta t-terzi huma dawk il-persuni kollha estraniji ghal tali rapport. Kull parti hi centru awtonomu ta' interessi u dmirijiet u tista' tkun maghmula minn aktar minn persuna wahda (e.g., kumpannija jew organizzazjoni ta' persuni fizici[11]), basta jkollha d-debita kapacità guridika, ossia li tkun idonea li tkun titolari ta' dirittijiet u ta' obbligi u basta li jkollha wkoll il-kapacità li tagixxi u cioè dik il-fakultà li tezercita personalment il-jeddijiet proprji u li tista' tassumi obbligi. L-oggett hu kostitwit mill-beni (jew oggett) jew mis-servizz (jew prestazjoni) fuq liema hu bazat l-interess tal-partijiet b'mod rispettiv. Il-kontenut huwa il-komportament kumplessiv tal-partijiet, rispettiviment avvolti f'tali relazzjoni guridika, li huma mistennija jzommu wiehed fil-konfront ta' l-iehor u vici versa.

Bhala korollarju, rapport guridiku jwelled favur jew kontra parti (denomiati "kreditur" u "debitur") – u/jew addirittura jpoggi fuq entrambi – certu sitwazjonijiet guridiko-fattwali suggettivi li jikkonsistu fis-setgha jew poter "di fare" jew "di non fare" xi haga, jew sahansitra fid-dover li jwettqu jew li ma jaghmlux xi haga. Dawn is-sitwazzjonijiet suggettivi mbaghad jiddistingwu ruhhom f'dawk attivi (jew ta' vantagg), meta jippermettu lis-soggett ta' certu interess li jagixxi dwar l-istess interess kontra soggetti ohra, u f'dawk passivi (jew ta' zvantagg), meta jimponu fuq soggett biex jissubordina l-interess tieghu ghal dawk ta' soggetti ohra.[12] Komplessivament dan kollu jwelled l-"obbligazzjoni" illi hi deskritta, fi kliem l-awtur **GIORGIO GIORGI** ("Teoria Delle Obbligazioni", Firenze, 1924; Vol. I, §11, p. 13), bhala "*un vincolo giuridico fra due o più persone determinate, in virtù del quale, una o più di esse (debitore o debitori) sono tenute verso l'altra o le altre (creditore o creditori) a fare, o non fare qualche cosa*."

In tema dottrinali, «rapport guridiku» gie definit hekk: "*Rapporto è un legame semplicemente instaurato da una norma, e non necessariamente recepito dal costume sociale o dai principi etici; è una relazione tra persone e soggetti*

---

[10] Fuq dan l-aspett insibu ritenut illi, "*La proprietà è relazione tra persona e cosa. La obbligazione, tra persona e persona. L'una, primogenita tra le fatture della divina giustizia, è manifestazione continua della signoria conceduta al primo uomo sopra tutte le cose. L'altra, nata più tardi con la convivenza degli uomini, sebbene figlia della stessa giustizia, rapprezenta i vincoli di quella servitù vicendevole che lega uomo con uomo in sodisfazione di tanti bisogni, che niuno potrebbe soddisfare da sè, o in tutela dei confini dell'attività di ciascuno*." (*cfr.* **GIORGIO GIORGI** ("Teoria Delle Obbligazioni", Firenze, 1924; Vol. I, §3, p. 3)

[11] *ez.* bhal ma huma l-condomini.

[12] Bhala ezempju wiehed jirreferi ghall-jedd ta' l-iStat li jesproprja proprjetà ghall-interess pubbliku.

*giuridici e non tra persona e cosa; anzi, più propriamente, esprime la semplice correlazione tra ciò che possono essere chiamate situazioni giuridiche soggettive: una situazione o posizione attiva o favorevole e una situazione o posizione passiva o sfavorevole*." (*cfr*. "**NOVISSIMO DIGESTO ITALIANO**", 3 a ed., UTET 1957; Vol. XIV – vuci: '*rapporto giuridico*'; §5, p. 789). Minn tali impostazzjoni generika, l-qrati taghna, maz-zmien, raqqew tali definizzjoni u affermaw illi b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtù ta' liema l-wiehed ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm "di dare" jew "di fare" jew "di non fare". Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha (*vide* **Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma pro et noe v. Emanuel Grixti**, Appell Inferjuri, 10 ta' Jannar, 2007). Inoltre, fid-decizjoni *in re* **Salvu Fenech v. Karl Bonello et** (Appell Inferjuri, 31 ta' Ottubru, 2007) inghad li, "*B'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralità ta' atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar. Tali att jew atti huma, imbaghad, ravvizabbli minn manifestazzjoni ta' volontà, ossija ta' dik l-imgieba li in bazi ghac-cirkustanzi li fih tavvera fit-traffiku guridiku tnissel fid-destinatarju t-tfisira li l-parti trid tipproduci l-konsegwenzi guridici predetti*."

Ghalkemm din ic-citata decizjoni kienet titratta obbligazzjonijiet *ex contractu*, it-tifsira ta' «relazzjoni guridika» testendi wkoll f'oqsma ohra hekk kif naraw fid-decizjoni *in re* **Anthony Cauchi et v. Joseph Spiteri et** (Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 2008). Ghalkemm dan kien kaz dwar senserija, id-deskrizzjoni ta' «relazzjoni guridika» giet estiza sabiex tikkomprendi xenarji multipli. Fiha gie osservat hekk: "*in linea ta' principju, relazzjoni negozjali jew guridika tiddixxendi minn qaghdiet diversi ta' dritt. Sija jekk minn kontrattazzjoni, jew minn intervent delittwuz jew kolpuz, sija b'effett ta' successjoni jew minn sitwazzjoni strutturali komuni, ad ezempju, fil-kondominja. Indistintament, dawn il-qaghdiet potenzjalment jipproducu dawk l-effetti guridici fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar*." Ghalhekk, tali rapport guridiku jista' jaghti lok ghall-azzjoni mhux necessarjament fejn il-fonti taghha hi wahda kontrattwali, izda addirittura jista' jinsorgi *ex lege* hekk kif dezunt fil-kawza *in re* **Philip Andrew Ransley et v. Emanuel Coleiro et noe** (Appell Superjuri, 29 ta' Jannar, 2007) u kif ukoll minn qaghda fattwali delittwali jew kwazi-delittwali hekk kif asserit fil-kawza *in re* **Mapfre Middlesea plc v. Carmelo Saliba** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 9 ta' Jannar, 2019).

**Kontradittur Legittimu**

Kif maghdud aktar kmieni, materja ohra li tehtieg tigi trattata hi dik dwar il-legittimità passiva tal-konvenut u tal-kjamata in kawza stante li fl-eccezzjonijiet rispettivi taghhom dawn jikkontendu li m'humiex il-kontradditturi legittimi di fronti ghall-pretiza attrici.[13]

Dan it-Tribunal diga' kellu varji okkazzjonijiet biex jaffronta diskussjoni dwar il-prezenti tematika. Hawnhekk issir referenza ghar-riljevi l-aktar rilevanti mwettqa fid-decizjonijiet *in re* **Alfred Xerri v. Kevin Chircop et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Gunju, 2018); **Argus Insurance Agencies Ltd pro et noe v. Sindku u Segretarju Ezekuttiv noe** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Gunju, 2018; konfermata fl-appell fil-25 ta' Jannar, 2019); **Elmo Insurance Ltd et v. Kunsill Lokali Pembroke et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 19 ta' Novembru, 2019) u **Untours Insurance Agents Ltd noe v. Muriel Micallef et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 31 ta' Ottubru, 2019). It-Tribunal jirreferi ghall-partijiet rilevanti misjuba f'tali decizjonijiet u maghhom izid josseva dak li jsegwi.

Insibu ritenut illi, "*se il processo è necessario alle parti, le parti sono necessarie al processo*" (**Girolamo Monteleone**, "Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol.I, CEDAM 2007; p.150). B'din il-massima wiehed jifhem illi l-process, minn naha, u l-partijiet ghalih, minn naha l-ohra, huma zewg ingredjenti organici u simultanji li ghandhom jikkoezistu vicendevolment u fl-istess mument. Mhux biss hu importanti li jkun hemm process li javvolgi lill-partijiet, izda li tali process irid ikun instawrat bejn il-partijiet idoneji, peress li huma l-partijiet li joholqu l-kontradittorju,[14] li hu l-process gudizzjarju.[15] Agguntivament, hu mpellenti li f'kull

[13] Fit-tieni parti ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut Vincent Vella jikkontendi li l-ftehim fuq ix-xoghlijiet gew konkluzi bejn l-attur u l-kjamata in kawza li kienet qed tikri l-fond, ossia l-hanut, fejn kienu saru l-istess xoghlijiet, tant illi l-istess imsejjha fil-kawza kienet issaldat id-depozitu akkont lejn l-attur u li l-bilanc relattiv kien u ghadu wkoll dovut minnha. Min-naha l-ohra, fl-ewwel eccezzjoni, il-kjamata in kawza Isabelle Bellia tikkontendi illi hi giet imsejjha inutilment peress li hi m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur ghax ma tezisti l-ebda pretensjoni da parti tieghu fil-konfront taghha tant illi fit-tieni eccezzjoni tkompli tispjega li l-attur lanqas ma ghandu jew precedentement ivvanta xi pretensjoni fil-konfront taghha. Fit-tielet eccezzjoni tkompli tghid illi t-talba attrici tirrigwardaw hlas ghal oggetti li gew ordnati mill-konvenut, installati fil-proprjetà tieghu u li jinsabu fil-pussess u t-tgawdija unika ta' l-istess konvenut u ghaldaqstant, skond ir-raba' eccezzjoni, huwa l-istess konvenut li ghandu unikament iwiegeb ghall-pretensjoni ta' l-attur.

[14] Il-**Foramiti** jiddefinixxi l-kontradittorju bhala "*tuttio ciò che si fa in presenza delle parti interessate*." ("Enciclopedia Legale" Vol: II, Napoli 1864; vuci: "contradittorio" p.392) filwaqt li **Francesco Ricci** ("Commento al Codice di Procedura Civile Italiano", Firenze, 1890; Vol. I, §338, p.344) jmur naqra oltre u jikteb illi, "*il contradittorio costituisce il perno del processo, talmente che tutta l'istruzione posteriore della causa non ha altro scopo che quello di svolgere il punto di questione, quale si è fissato con la contestazione della lite*." Riflessjoni ta' dan it-taghlim hu mhaddan mill-qrati taghna *in re* **Mary**

azzjoni dejjem tigi ndividwata l-kontro-parti u cioè "*colui che essendo titolare della situazione giuridica contrapposta a quella fatta valere dall'attore, ha reale e concreto interesse di opporsi ad essa e chiedere rigetto*" (**Girolamo Monteleone**, *ibid*.). Dan hu hekk ghax, "*lo stare in giudizio è un atto di somma importanza, che richiede, così nell'attore, come nel convenuto, una speciale capacitá* " (**Luigi Mattirolo**, "Trattato di Diritto Giudiziario Civile", Torino, 1894; Vol. II, p. 6).[16] Dan huwa wkoll l-ispirtu li minn dejjem anima l-ordinament guridiku Malti hekk kif jinsab rifless fis-sentenza *in re* **Brockdorff v. Pace Balzan** (Prim'Awla, 8 ta' April, 1899, riportata f'*Kollez*. Vol. XVII-III-15) fejn l-Imhallef Paolo Debono jghid li, "*Appena è necessario di aggiungere che l'interesse ossia il motivo della domanda giudiziale dev'essere concreto e sussistere di fronte a colui contro il quale la domanda viene rivolta.*"[17]

Agguntivament, insibu mghallem mill-awtur **Lodovico Mortara** ("Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile", 3ª ed. 1926; Vol. II, §496; pp. 630–631) illi, "*La capacità processuale va considerata sotto due aspetti: come capacità, cioè di agire o di stare in giudizio. L'espressione «capacità di agire in giudizio» serve a indicare l'attitudine giuridica di un soggetto ad essere «parte in giudizio». L'espressione «capacitá di stare in giudizio» indica invece l'attitudine all'esercizio legale della predetta capacità ... Tanto l'una che l'altra delle espressioni menzionate, e quindi anche il tema dell'attuale ricerca, si riferiscono alla capacità processuale attiva e passiva, cioè di attore come di convenuto, d'intervenuto, di chiamato in garantia, ecc ... si ricava, adunque, che la*

---

**Magdalene Symes et v. Robert Eder et** (Appell Civili, 13 ta' Gunju 1980) fejn inghad: "*il-litis konsorzju bejn dawk kollha li huma partecipi hu necessarju*" u anke *in re* **Scicluna v. Azzopardi** (Appell Civili, 3 ta' April 1964) fejn inghad: "*Evidentement, id-dikjarazzjoni ta' dik l-istess domanda mitluba kienet tolqot is-sidien kollha, kompriz dak li ma ssemmiex fl-okkju tal-kawza ghaliex anke dan kien legittimu kontradittur. Kif inhu sew maghruf biex gudizzju jkun integru hu necessarju l-presenza tal-interessati kollha.*" L-istess hsieb gie abbraccjat sa pjuttost ricenti *in re* **Karin Spiteri Maempel et v. L-Avukat Susan Lena Mercieca et** (Prim'Awla, 14 ta' Novembru, 2017).

[15] Dan hu s-sens tan-nozzjonijiet ta' «legittimazzjoni attiva» (ghall-attur) u «legittimazzjoni passiva» (ghall-konvenut) kodifikati fl-Art. 780 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

[16] F'dan l-istadju t-Tribunal jippreciza illi ser issir referenza ghad-duttrina u awturi esteri peress illi fin-nuqqas ta' lluminazzjoni mill-legislazzjoni jew mill-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jdur fuq taghlim dottrinali barrani. Dan l'ghaliex "*hija prattika kostanti li l-Qrati taghna, meta jigu biex jinterpretaw ligijiet simili ghal ligijiet esteri, li huma jaghmlu referenza ghal u anke isegwu l-awturi eminent li jikkummentaw fuq dawk il-ligijiet esteri u l-Qrati esteri superjuri li japplikawhom*" (**Il-Prim'Ministru et v. Sister Luigi Dunkin noe**, Appell Superjuri, 3 ta' Gunju, 1981; mhux pubbikata). Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Alessandro Claudio Debono ne v. Dr. Alessandro Barone Chapelle ed** (Appell Superjuri, 22 ta' Jannar, 1890 riportata f'*Kollez*. Vol.XII(B), p. 365) u **Nobile Luisa Strickland v. Il Marchese Felicissimo Apap** (Appell Superjuri, 14 ta' Frar, 1879 riportata f'*Kollez*. Vol.VIII(D), p. 710). Agguntivament, fis-sentenza **Marquis James Cassar Desain v. James Louis Forbes, O.B. E. nomine** (Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 1935 riportata f'*Kollez*. Vol.XXIX(A)-I-43 a p. 47) gie ritenut illi t-taghlim legislattiv u dottrinali ta' l-Italja u anke ta' Franza, "*are among the recognised sources of our own general Jurisprudence*".

[17] Ara wkoll, ghal dak li jiswa, is-sentenza *in re* **Carmel Cacopardo v. Ministru tax-Xogholijiet et** (Qorti Kostituzzjonali, 25 ta' Marzu, 1985).

*condizione fondamentale per la capacità di agire in giudizio è la normale capacità di possedere diritti, essere cioè soggetto di diritti; e che la condizione parimenti fondamentale per la capacità di stare in giudizio è quella di avere il libero esercizio dei diritti, ovvero di supplirvi con le forme integrative o abilitative stabilite dalle leggi*." Insenjamenti ulterjuri tal-**MORTARA** fuq it-tematika *de quo* jinsabu riportati fis-sentenza *in re* **Bernard Zammit v. Emmanuele Formosa et** (Appell Superjuri, 11 ta' Gunju, 1948) fejn hemm sostnut hekk: "*il convenuto deve essere il contradittore legittimo alla domanda dell'attore, cioè colui dal quale, volontariamente o non, proviene l'impedimento, ossia lo stato di violazione del diritto dell'attore ... Solo chi è in questa situazione, o vi appare in virtù dell'asserzione dello attore, può stare contro di lui in giudizio, perché eventualmente può avere utilitá a far respingere l'istanza contenuta nell'azione*." L-istess identiku taghlim gie wkoll abbraccjat fis-sentenza *in re* **Kavallier Lawrence Darmanin noe et v. Marcel Mifsud noe** (Appell Superjuri, 13 ta' Mejju, 1992; mhux pubblikata).

Fl-ahhar, kif jinghad fis-sentenza preliminari *in re* **Frankie Refalo noe v. Jason Azzopardi et** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001), biex qorti tinvestiga u tistabilixxi jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, l-istess necessarjament tehtieg tivverifika jekk il-persuna citata fil-gudizzju kinitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini minnu proposti.[18] Jekk dan in-*nexus* jigi stabbilit, il-persuna citata tista' titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa u dan in kwantu il-premessi ghaliha, jekk debitament provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba mill-parti attrici. Dan hu hekk l'ghaliex, l-obbligazzjoni, kif jghid l-imsemmi **GIORGIO GIORGI**, *op. cit.*, §3, p. 3), "*non può sussistere senza la persona di un debitore determinato, a cui soltanto è ristretta la relazione giuridica, a cui soltanto se ne può chiedere l'adempimento, a cui soltanto rimane possibilità di violarla.*"

Ferma tali introduzzjoni dwar dawn iz-zewg precetti guridici, it-Tribunal jghaddi issa biex mill-isfera purament akkademika jdur ghall-evalwazzjoni tal-fatti partikolari ta' dan il-kaz.

It-Tribunal ikompli jikkunsidra;

---

[18] Fil-kaz *in re* **Edgar Urpani pro et noe v. Continental Meat Co. Ltd** (Appell Inferjuri, 23 t'Ottubru 2009) intqal hekk: "*Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinzel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza.*"

Bla ebda ezitazzjoni it-Tribunal jiddikjara illi l-kawza prezenti tippostula rapport guridiku ben preciz u, bhala korrollarju, il-kontradittur legittimu ta' l-azzjoni huwa alkwantu skontat. Dan ser jigi muri *infra*.

B'harsa lejn il-kaz in specie, mill-impostazzjoni ta' l-istanza attrici hawnhekk ninsabu fl-isfera ta' obbligazzjoni indubbjament b'indole kuntrattwali fejn il-legam, jew vinkolu, jitwieled minn appalt konferit mill-konvenut Vincent Vella lill-attur, Raymond Borg. Rizultat ta' din ir-rabta hija, necessarjament, li z-zewg partijiet ghalih ikunu addossati b'jeddijiet u li entrambi jkollhom certu obbligi fil-konfront ta' xulxin b'mod reciproku.[19]

Fil-kaz tal-lum ninsabu di fronti ghal aspett partikolari ta' tali vinkolu, u cioè dak ta' dritt ta' kreditu, u cioè fir-relazzjoni bejn l-appaltatur u l-kommittent tieghu. Ghall-finijiet ta' din il-kawza, ta' l-ewwel huwa s-soggett attiv (cioè l-"kreditur" ta' l-obbligazzjoni) u dak ta' l-ahhar huwa s-soggetti passiv (cioè d-"debitur" ta' l-obbligazzjoni). Dawn huma l-partijiet ta' l-obbligazzjoni, fejn ta' l-ewwel (il-"kreditur") jemmen li jippossjedi pretiza jew dritt ta' kreditu fil-konfront ta' dak ta' l-ahhar (id-"debitur") u illi kontrih jemmen li ghandu jedd guridikament rikonoxxut. L-oggett minnu persegwit bl-istanza tieghu hi prestazzjoni bed determinata, ossia l-hlas ghas-servizz minnu rez. Fi kliem iehor, l-oggett ta' l-obbligazzjoni *de quo* hu kostitwit mill-prestazzjoni li l-kreditur jippretendi mid-debitur tieghu u li hu mistenni jkun obbligat jezegwi, liema prestazzjoni hawnhekk tikkwalfika ruha f'wahda "di dare", ossia "di pagare".

Dan iwassal ghall-konkluzjoni illi fil-kaz tal-lum, jirrizulta indiskuss illi l-konvenut Vincent Vella huwa l-uniku kontradittur legittimu ta' l-attur u li l-kjamata in kawza Isabelle Bellia hi aljena ghal tali relazzjoni.

Ir-ragunament wara dawn il-konkluzjonijiet johorgu mill-provi akkwiziti, hekk ser jigi senjalat (u motivat) hawn isfel:

**(i)** L-attur minn dejjem allega u baqa' jishaq li kkuntratta mal-konvenut Vincent Vella. Din il-fehma ta' l-attur ma tistax tghaddi inosservata jew tigi kunsidrata b'leggerezza, peress li ahjar mill-attur certament m'hawn

---

[19] Dwar l-istitut tal-kuntratt ta' appalt, l-elementi primarji tieghu, il-formalità jew sura ta' l-istess u dwar l-obbligi tal-partijiet fih wiehed hu mistieden jara d-decizjoni *in re* **Charles Seisun v. Joseph Vancell et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 2 ta' Lulju, 2018) u **Perit Charles Azzopardi et v. Brian Zarb Adami** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 13 ta' Jannar, 2020). It-Tribunal jirreferi ghat-taghlim riportat f'tali gudikati bla htiega li joqghod jerga' jtennihom f'din id-decizjoni.

hadd li jinsab f'posizzjoni li jidentifika ma' min effettivament ikkuntratta u min hu d-debitur tieghu.[20]

Mill-kumpless ta' provi rakkolti tohrog pjuttost skjetta l-posizzjoni ta' l-attur u cioè min qabbdu jwettaq ix-xoghol fil-hanut (i.e., li kien il-konvenut Vincent Vella u mhux il-kjamata in kawza). L-attur isostni u jirribadixxi li dejjem fittex lill-konvenut ghall-hlas u li dejjem tkellem mieghu dwar l-istess xoghlijiet.[21] Infatti, meta gie biex jinterpella lil xi hadd b'att gudizzjarju qabel dawn il-proceduri, l-attur identifika lill-konvenut Vincent Vella bhala l-uniku debitur tieghu dwar din il-kwistjoni.[22] Fit-twegiba relattiva ghal tali ittra ufficjali (datata 20 ta' Mejju, 2016[23]), l-istess Vincent Vella kien sempliciment afferma li hu kien qed "*jikkontesta l-pretenzjonijiet dedotti fl-ittra ufficjali*" u ma indika xejn izjed. Fiha ma indikax li hu kien diga' informa lill-attur fi zmien precedenti li l-hlas kellu jsehh mill-kjamata in kawza jew li hu kien

[20] Fix-xhieda taghha, il-kjamata in kawza Isabelle Bellia tirribadixxi li hi qatt ma avvicinat lill-attur sabiex issehh l-ghamara (*a foll.* 89–98). Tali xhieda trid necessarjament tittiehed fl-isfond tad-deposizzoni/jiet ta' l-attur f'dan il-procediment.

[21] Ara xhieda ta' l-attur (*a foll.*44–45), ix-xhieda tieghu in kontro-ezami (*a foll.* 109–116) u x-xhieda tieghu meta msejjah mit-Tribunal (*a foll.* 128–129). F'tali deposizzjonijiet l-attur jishaq, fost hwejjeg ohra, li tqabbad mill-konvenut u jeskludi lill-kjamata in kawza u li l-istima tax-xoghlijiet (kopja *a fol.* 48) ghaddiha lill-konvenut. Fl-ahhar indikata deposizzjoni l-attur jaghmilha cara illi: "*Ghax jiena ftihemt ix-xoghol mieghu biss ftihemt. Ma' din Bellia x' jisimha qatt ma tkellimna qatt fuq xoghol. Ghedtha kemm-il darba jiena, qatt qatt ma tkellimna fuq xoghol*." (*a fol.* 128).

[22] Ara ittra ufficjali skond l-Art. 166A tal-Kodici ta' Procedura Civili datata 28 ta' April, 2016 (*a fol.* 2).

[23] Tali nota ma gietx ezibita f'dawn il-proceduri, izda t-Tribunal irricerkaha. Dwar tali tfittxija *ex officio* t-Tribunal jghid dan. Ghalkemm hija norma antika procedurali li *quod non est in actis non est in mundo*, bil-wisq aktar hija normattiva procedurali sagrosanta illi, "*Ir-ricerka tal-verità ghandha tkun l-aqwa konsiderazzjoni*" (ara **Grazia Meilak et v. Salvatore Grech**, Prim'Awla, 12 ta' Marzu, 1964 *per* Imh. Maurice Caruana Curran). Jigi precizat illi l-atti u r-registri tal-qrati tal-gustizzja jikkostitwixxu prova *in se* [*ex* Artikolu 627(e) tal-Kodici ta' Procedura Civili] u li tali atti gudizzjarji huma dokumenti pubblici, facilment accessibbli ghal kulhadd. Inoltre, it-taghlim gurisprudenzjali lokali jakkorda l-poter u l-fakultà lill-gudikant adit mill-mertu ta' kawza biex jara u jikkonsulta atti gudizzjarji rilevanti ohra li jkollhom rilevanza u/jew konnessjoni mal-vertenza li dwarha hi mistennija decizjoni, anke jekk mhux formalment ezibiti fil-kors tal-kawza. F'dan is-sens ara d-decizjoni *in re* **Andrea Xerri v. Giuseppina Mifsud** (Appell Superjuri, 27 ta' Gunju, 1969; mhux pubblikata) u s-sentenzi fiha msemmija. In oltre, in forza ta' dak misjub fil-gurisprudenza patria, l-atti gjacenti fir-registri tal-qrati domestici jistghu jigu kkonsultati minghajr il-htiega ta' l-ezibizzjoni formali taghhom fil-proceduri *de quo*. Din hi norma riflessa f'bosta decizjonijiet, fosthom *in re* **Negte. Giuseppe C. Degiorgio et v. Carmelo Asciak** (Appell Civili, 3 ta' Ottubru, 1927); **Maria Ellul Bonnici v. Felice Mercieca et ne** (Prim'Awla, 22 ta' Frar, 1950); **Alphonse Maria Vella v. Carmelo Mallia** (Appell Kummercjali, 11 ta' Lulju, 1994); **Edwige armla minn Roger Camilleri v. Gaetano Debattista noe et** (Appell Inferjuri, 19 ta' Mejju, 2004); **Alan Kyle noe v. Mary La Rosa et** (Appell Inferjuri, 23 ta' Novembru, 2005); **Nancy Cutajar nomine v. Charles Ciappara et** (Appell Superjuri, 3 ta' Ottubru, 2008); **Lec Limited v. Tabbingtons Limited** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], 28 ta' April, 2009, konfermata fl-appell fid-19 ta' April, 2012); u **Korporazzjoni Enemalta v. V&C Contractors Limited** (Appell Inferjuri, 22 ta' Jannar, 2010).

semplici intermedjarju fil-kwistjoni (hekk kif xehed fil-prezenti proceduri[24]).

Kwistjoni kemmxejn simili kienet tifforma parti mill-proceduri *in re* **David Brincat et v. Frans Sammut et** (Prim'Awla, provvediment tat-2 ta' Lulju, 2013) fejn inghad hekk: "*In kwantu ghal* [konvenut] *Frans Sammut, l-atturi pprezentaw ittra ufficjali fl-20 ta' Settembru 2012 kontrih biex jaghmel tajjeb ghal hsarat li kienu qed jigu kagonati mill-fond li f'dak iz-zmien l-atturi hasbu li kienet ghadha proprjetà tieghu in vista tad-dikjarazzjoni ta' Paul Falzon quddiem il-pulizija. Ir-risposta ghall-ittra ufficjali li setghet bl-iktar mod semplici infurmat lill-atturi illi Francis Sammut ma kienx legittimu kontradittur u waqfet hemm, minflok irrisponda illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Tali risposta ma taghtix lil atturi l-ickjen hjiel li Francis Sammit kien qed isostni li ma kellu ebda konnessjoni mal-fond kif qed jigi allegat issa bl-eccezzjonijet tieghu ghall-kawza*."

Hawnhekk il-konvenut Vincent Vella kellu kull okkazzjoni biex jissenjala lill-attur dak li qed jghid f'din il-kawza, izda l-istess ghazel li jibqa' lakoniku fir-risposta, alkwantu ekonomiku fi kliemu u kien sodisfatt li jaghti twegiba xotta li l-pretensjoni kienet qed tigi kontestata bla ebda spjegazzjoni, deskrizzjoni jew gustifikazzjoni.

Twegiba bhal din tissodisfa biss l-ingredjent purament ritwali billi tarresta hesrem il-perjodu ta' zmien abbinat ma' l-ittra ufficjali skond l-Art. 166A biex l-istess tigi reza ezekuttiva. Madanakollu, ghalkemm mhux rikjest mill-Ligi procedurali, dan it-Tribunal jemmen li f'sitwazzjonijiet bhal dawn jew ohrajn analogi, parti ghandha dejjem taghti motivazzjoni u dan bhala turija ta' lealtà, korrettezza u bona fidi. Infatti, fil-provvediment tat-2 ta' Lulju, 2013 citat *supra*, il-qorti kienet irrrimarkat dwar "*il-principji tal-korrettezza, il-lealtà u l-buona fede rikjesta minn kull parti involuta f'vertenza*" biex tfisser li parti (anke jekk mhux necessarjament f'litigju in korso) ghandha dejjem thaddan tali precetti biex jigu skansati ekwivoci, malintizi, dubji jew zvisti bla bzonn u sahansitra anke biex jigu eradikati abbuzi li certament huma skonsiljati mill-Ligi. Jekk parti taghzel timxi mod iehor minn tali

[24] Ara senjatament xhieda tieghu *a tergo* ta' *fol*. 79 (fejn jghid li kien gharraf lill-attur li kien infurmah li kien ser iholl il-kirja u biex jiehu hsieb jithallas minn Isabelle Bellia) u *a fol*. 82 (fejn jghid li l-attur kien mgharraf li kellu jithallas minghand Isabelle Bellia).

principji, hi taf tbghati l-konsegwenzi ta' ghemilha u tali parti tkun tista' biss tghid "imputet sibi".[25]

Fid-dawl ta' dak appena maghdud, fl-umili fehma tat-Tribunal, id-difiza li issa qed jittanta jissolleva l-konvenut f'dawn il-proceduri hi semplici stratagemma *in extremis* biex jehles mir-responsabbilità li jadempixxi l-obbligi tieghu fil-konfront ta' l-attur. Hawnhekk ikun opportun jigi mfakkar dak insenjat fil-kawza *in re* **Edgar Zahra v. Carmelo Vassallo** (Appell Superjuri, 5 ta' April, 1971; mhux pubblikata) illi, "*meta parti f'kawza tipprova a kwalunkwe kost timmonta difiza ghal kollox kuntrarja ghal dak li evidentement ikun gara, ir-rizultat necessarjament ikun dak li l-Qorti ma tistax taghti ebda valur probatorju … Il-veritá infatti hija wahda u indivisibbli: «Veritas una vis, una facies est» (Seneca, Ep. 102, 14).*" F'dan is-sens ukoll hi s-sentenza *in re* **George Micallef v. Carmelo Galea et** (Appell Superjuri, 25 ta' Jannar, 1971; mhux pubblikata).

Ghalhekk, dan kollu juri li f'ghajnejn l-attur, id-debitur tieghu minn dejjem kien unikament l-istess konvenut Vincent Vella. Inoltre, meta interpellat gudizzjarjament, l-istess konvenut ma attivax ruhu idonjament. Dan iwassallna ghall-punt li jmiss.

**(ii)** Il-konvenut Vincent Vella ikkontratta direttament ma' l-attur (Raymond Borg) ghalih inniffsu u mhux bhala *lunga manus* ta' haddiehor (Isabelle Bellia).

Il-konvenut Vincent Vella jikkontendi li l-partecipazzjoni tieghu f'din il-vicenda kienet sempliciment li qabbad lill-kjamata in kawza ma' l-attur bhala mastrudaxxa.[26] B'din it-tezi l-konvenut allura qed jittenta jdahhal l-argument illi hu kien semplici messaggier bejn l-attur u l-kjamata in kawza biex b'hekk ir-rapport li kien realment inholoq kien bejn dawn it-tnejn, bih bhala semplici intermedjarju.

---

[25] *«Imputet sibi»* è una locuzione latina che significa "imputabile solo a se stesso". È un brocardo, ossia una massima latina, ancora in uso nella giurisprudenza moderna, dove si voglia indicare che un fatto è di esclusiva responsabilità di una persona e non coinvolge terzi. (*cfr*. **Federico del Giudice**, "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini", Simone ed. IV, 2011; vuci: "*imputet sibi*").
[26] Ara *a tergo* ta' *fol*. 76 u *a fol*. 77.

Huwa principju generali li, f'gieh is-sikurezza tan-negozju guridiku, meta wiehed jaghmel jew jidhol fi ftehim[27] hu jkun jaf sewwa l-identità tal-persuna li tkun qieghda tobbliga ruhha lejh, jew li jkun qieghed jobbliga ruhu lejha.[28]

Hi haga gudizzjarjament notorja, u rikonoxxuta fl-Artt. 998 u 999(1) tal-Kodici Civili, illi bniedem jikkuntratta ghalih innifsu.[29] Ghalhekk, kull min jidhol fi ftehim ikun gustifikat jassumi, kemm ghas-serhan il-mohh tieghu, kemm ghas-sigurtà tal-operazzjonijiet kummercjali, li jkun qieghed jiftiehem mal-persuna li tkun dahlet fil-ftehim mieghu u mhux ma' haddieħor. Hemm ukoll il-principju sagrosant li l-kuntratti jridu jsiru in bona fede konsagrat fl-Art. 993 tal-Kodici Civili b'rizultat ta' liema hadd m'ghandu jkun sorpriz b'allegazzjoni fiergha li minflok ma' Kaju, huwa jkun ikkuntratta ma' Sempronju.

Biex persuna li tidhol f'kuntratt torbot lil haddiehor li tkun qieghda tirrapprezenta, din trid taghmilha cara mal-parti l-ohra li qed tagixxi f'isem haddiehor, u turi lill-parti l-ohra, b'mod car l-identità taghha; dak li l-Taljani jsejhulha "spendita del nome", jew il-"contemplatio domini".[30] Il-mandat irid jintwera jew espressament inkella ghallinqas b'mod li l-

[27] Dan ma jfissirx li jrid ikun ftehim bil-miktub stante li f'kaz ta' appalt il-ftehim bil-miktub, ghalkemm rakkomandat, mhux necessarju u jista' jkun bil-fomm ghall-perfezzjonament tieghu. Dwar dan ara s-sentenzi, fost ohrajn, *in re* **Nazzareno Vassallo noe v. Edward Maggi** (Appell Civili, 13 ta' Frar, 1997); **Victor Portelli v. Mark Psaila** (Prim'Awla, 29 ta' Mejju, 2003); u **George Sladden v. Lonza Agius** (Appell Superjuri, 7 ta' Lulju, 2006). Addizzjonalment, fis-sentenza *in re* **Maria armla Galea v. Harry Mallia** (Prim'Awla, 26 ta' Mejju, 1966; mhux pubblikata) inghad li, "*Il-ligi eccezzjonalment biss, fil-kazijiet imsemmijia fl-artikolu 1277 u postijiet ohra mxerrdin 'l hawn u 'l hemm fil-Kodicijiet u ligijiet ohra ta' Malta, tirrikjedi l-iskrittura, u bhala regola generali ghadu validu l-principju antik li 'a man's word is his bond' ('promissio boni viri est obbligatio'), basta jkun hemm ir-rekwiziti essenzjali ghal kuntratti in generali u l-ohrajn li jistghu jkunu specjali ghall-kas.*" Interessanti wkoll il-bran f'din is-sentenza li jaqra hekk: "*il-lingwa parlata, in difett ta' xi disposizzjoni tal-ligi in kuntrarju, li ma hemmx f'dan il-kas, minn dejjem swiet u ghadha isservi ghal kontrattazzjoni ta' obbligazzjonijiet medjanti komunikazzjoni tal-hsieb bil-kliem, sew medjatament (e.g. b'xi interpreti, messaggier, mandatarju, medjatur, etc) kemm, bhal ma sar f'dan il-kas immedjatament, cioè bejn zewg kontraenti li jitkellmu direttament ma' xulxin, li hija l-forma libera tal-manifestazzjoni tal-kunsens skond id-dritt tan-natura, l-iktar forma spedita u semplici u anki generalment zgura.*"

[28] *vide* **BETTI**, "Teoria Generale del Negozio Giuridico", p. 574 u **VINCENZO ROPPO**, "Il Contratto", p. 275; Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 08.02.1985, n. 987, f'Giur. Italiana, 1985, I,1,1482.

[29] Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc *in re* **Cilia noe v. Scicluna** tas-27 ta' April, 1992 (riportata f'*Kollez*. Vol. LXXVI-IV-673) u **Bonnici noe v. Grima** tat-30 ta' April, 1992 (riportata f'*Kollez*. Vol. LXXVI-IV-677) u tal-Qorti ta' l-Appell *in re* **Caruana et vs. Magro et** tas-6 ta' Ottubru, 1999, hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor.

[30] **VINCENZO ROPPO**, "Trattato del Contratto", 2006, Vol I, Formazione, p. 761.

parti l-ohra tkun ragonevolment taf li tkun qed tikkuntratta ma' persuna li tkun qieghda tidher ghal haddiehor.[31]

Addizzjonalment, l'hekk denominata "spendita del nome" trid issehh sal-mument meta l-ftehim ikun gie ffinalizzat.[32] Kif inghad fis-sentenza *in re* **Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. v. John Muscat** (Prim'Awla, 17 ta' Settembru, 2012; konfermata fl-appell fis-26 ta' Mejju, 2017), "*Għar-rigward tal-portata tal-vinkolu kontrattwali, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Diċembru, 1999 mogħtija fil-kawża Vella vs. Vella noe. Skont din is-sentenza, il-mument determinanti huwa meta tiġi kontrattata l-obbligazzjoni. Huwa dak il-mument fejn min jikkontratta għandu l-obbligu li jiddikjara b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni mhux qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra (fiżika jew morali) li trid tkun ben identifikata. Huwa fl-obbligu li jassikura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tal-parti l-oħra f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi naxxenti minn dak in-negozju*." Inoltre, kif inghad *in re* **Legend Real Estate Ltd v. Ron Chetcuti** (Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru, 2003), "*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konnoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (**John Vella noe v. Anthony Vella et**, Qorti tal-Appell, 3 ta' Diċembru, 1999)*."

Fl-assenza ta' turija esplicita, huwa necessarju u fl-istess hin bizzejjed "*un comportamento del rappresentante che, per univocità e concludenzia, sia idoneo a portare a conoscenza dell'altro contraente di diligenzia media*",[33] hekk imsejha "contemplatio domini per facta concludentia". Inoltre, "*In conseguenza la rappresentanza può essere dedotta – oltre che da una dichiarazione espressa – da ogni altro elemento da cui risulti in modo inequivoco che l'attività del soggetto si*

---

[31] Ara fost diversi *in re* **Frank Cilia noe. v. Charles Scicluna** (Qorti tal-Kummerc, 27 ta' April, 1992); **Philip Galea Souchet v. Michael Falla** (Appell Kummerċjali, 4 ta' Mejju, 1973; mhux pubblikata); **Avukat Dottor Keith Bonnici noe v. Mark Grima** (Qorti tal-Kummerc, 30 ta' April, 1992); **Camel Brand Co. Limited v. Michael Debono et** (Prim'Awla, 21 ta' Marzu, 2002).
[32] *vide* **Lawrence Formosa nomine et nomine v. Silvio Felice** (Appell Civili, 6 ta' Ottubru 1999).
[33] Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 20.10.2003, n. 15691, Mass. For. It. 2003.

*svolga in attuazione di un potere rappresentativo a lui conferito*.” (*cass. civ*. 10.12.1996, n. 10989 – *cfr*. **VINCENZO ROPPO**, “Trattato del Contratto”, 2006, Vol I, Formazione, p. 766).

Jissokta jigi precizat illi l-presunzjoni f’dawn il-kazijiet hi wahda *iuris tantum* u allura min jallega altrimenti jista’ jgib il-prova kuntrarja. Prova din li necessarjament tispetta lil persuna li jallega li kien qed jidher f’isem u ghan-nom ta’ persuna ohra. Fi kliem is-sentenza *in re* **Lawrence Formosa nomine et noe v. Silvio Felice** (Appell Civili, 6 ta’ Ottubru, 1999), “*Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qiegħed jaġixxi bħala mandatarju ta’ ħaddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qiegħed jikkuntratta*” u inoltre, kif tghid is-sentenza *in re* **Borg Cold Stores v. Pickard Mario** (Appell Inferjuri, 19 ta’ Ottubru, 2005), “*Mhux biżżejjed allura li l-appellanti jistrieħ fuq is-sempliċi dikjarazzjoni tiegħu illi hu qatt ma innegozja mas-soċjetà attrici f’ismu personali. Hu ħtieġlu li manifestament jipprova dan l-istess assunt tiegħu*.”

Ghalhekk, meta persuna tallega li agixxiet f’isem haddiehor, il-piz tal-prova jaqa’ fuqha. Fi kliem id-decizjoni *in re* **Charles Mizzi et. noe v. Teddie (sive Edward) Borg** (Qorti tal-Kummerc, 10 ta’ Mejju, 1990), “*Ladarba rriżulta li l-ordni saret mill-konvenut sta għall-istess konvenut li jipprova li meta għamel l-ordni ma għamilhiex f’ismu personalment iżda għamilha għal xi ħaddieħor. Jekk din il-prova ma ssirx għas-sodisfazzjon tal-Qorti jsegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment għall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li għamel*.” Ghalhekk fil-kaz tal-lum, jinkombi fuq il-konvenut l-oneru tal-prova ta’ l-ewwel eccezzjoni u cioè l-prova li l-kreditu pretiz mill-attur mhuwiex dovut minnu personalment izda mill-kjamata in kawza.

Il-provi f’dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta’ provi jew anki fid-dubju r-rapprezentanza (i.e., il-mandat) ma tistax tigi prezunta, anzi ghandha tigi eskluza (*vide* **TROPLONG**, “Mandato” no. §50 citat fid-decizjoni riportata f’*Kollez*. **Vol XLII-II-203**). Is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-6 ta’ Ottubru, 1999 *in re* **Formosa et noe v. Felice** toffri direzzjoni preciza fis-sens illi sostniet li, “*kien jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta’ kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta’ ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhumiex daqstant ovvji. Fejn hemm dubju però wieħed*

*għandu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed tagħmel hekk f'isimha proprju*."[34]

Mill-materjal istruttorju mressaq hareg li l-attur dejjem kien taht l-impressjoni li l-ordnijiet jew struzzjonijiet gew min-naha tal-konvenut Vincent Vella u fl-ebda waqt ma semma li kellu legam mal-kjamata in kawza Isabelle Bellia jew li l-imsemmi konvenut kien qed jirrapprezenta x-xewqat ta' l-istess imsejjha fil-kawza (jew ta' ohrajn[35]).  Dan hu muri fl-ewwel punt *supra* fejn giet trattata l-aspettattiva ta' l-attur *qua* kreditur ta' obbligazzjoni.

Ghalkemm huwa minnu li l-attur jghid li rcieva hlas akkont ta' €1,000.00c[36] minghand Isabelle Bellia, meta l-bilanc ta' €1,160.00c baqa' ma thallasx l-attur kompla jistaqsi ghalih minghand il-konvenut Vincent Vella.  Wara kollox, il-prezenti azzjoni kienet solament rivolta kontra Vincent Vella u dan l-ghemil wahdu jkompli jimmanifesta minghand min l-attur ippretenda li jithallas.  Ghall-attur ma kien hemm l-ebda dubju minghand min kellu jircievi l-hlas.  Tali ghemil hu bazat fuq il-fatt li l-attur pretenda u stenna li jigi kumpensat minghand dik il-persuna li kkummissjonatu x-xoghlijiet t'ghamara fil-hanut, ossia l-konvenut. Il-konvenut ma rnexxilux igib provi li juru mod iehor u l-asserzjonijiet tieghu m'humiex sufficjenti[37] biex jeghlbu l-presunzjoni *iuris tantum* a favur ta' l-attur.[38] Dan iwassalna ghall-punt li jmiss.

---

[34] Rassenja utili ta' gurisprudenza dwar il-prezenti materja (diskussa taht dan is-sub-paragrafu) giet elenkata fil-kaz *in re* **M.C.F. Company Ltd v. Charles Buhagiar et** (Prim'Awla, 15 ta' Gunju 2016). Tali rassenja giet abraccjata *in toto* mill-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) *in re* **Media Today Co Ltd v. Mary Gauci** tal-15 ta' Lulju, 2016.

[35] Infatti l-konvenut stess jghid li meta kien jitkellem ma' l-attur dwar xi xoghlijiet ta' ghamara, l-attur ma kienx jaf li hu kellu kumpannija (ara *a tergo* ta' *fol*. 81).  Dan hu konfermat mill-attur stess (ara *a fol*. 129).

[36] Ara ricevuta relattiva datata 16 ta' Lulju, 2015 (*a fol*. 55).

[37] Kif jikteb l-awtur **Giorgio Bianchi** ("La Prova Civile", CEDAM 2009; p. 172) jghid illi, "*Le dichiarazioni* pro sé *hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte*."  It-Tribunal ma jistax jipprezumi fatti li ma jsibux l-libsa tal-konkret fl-atti processwali u dan ghaliex, "*kif pacifikament maghruf, tribunal b'funzjonijiet gudizzjarji ma jistax, b'ebda logika u sens ta' gustizzja, jikkampa l-gudizzju tieghu fuq asserzjonijiet gratuwiti, kongetturi bla bazi, jew semplici fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi*." (*vide* **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation,** Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005).

[38] L-Art. 1234 tal-Kodici Civili jipprovdi illi, "*Dak li għandu favur tiegħu preżunzjoni stabbilita mil-liġi, hu meħlus minn kull prova tal-fatt preżunt.*" Skond it-taghlim ta' **Francesco Ricci** ("Delle Prove", UTET, 1891; §34; pp. 52-53), "*L'attore che ha a favore della sua domanda una presunzione è dispensato dall'onere della prova: così pure dallo stesso onere é dispensato il convenuto la cui eccezione ha base in una presunzione.  Effetto della presunzione é, come si esprime la Cassazione di Torino (decis. 16 febbraio 1855, VII, 1, 176), di far considerare la cosa presunta come provata sinchè non si dimostri il contrario.  La*

**(iii)** Il-fatt li l-kjamata in kawza (Isabelle Bellia) wettqet hlas ta' ammont ta' flus (id-depozitu ta' €1,000.00c) versu l-attur (Raymond Borg), fic-cirkostanzi, ma jfisser xejn u dan peress li terz jista' jhallas id-dejn ta' haddiehor.[39]

Sabiex jipprova jissostanzja t-tezi tieghu, il-konvenut jikkontendi u jishaq li d-depozitu fl-ammont ta' €1,000.00c kien effettivament thallas lill-attur mill-imsejjha fil-kawza u li dan, fil-fehma tieghu, ifisser li l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-attur dejjem kienet (jew giet eventwalment assunta) mill-istess imsejjha fil-proceduri. Ghalhekk, skond il-konvenut, dan igorr ukoll l-obbligu u r-responsabbilità li l-bilanc ta' €1,160.00c, li qed jigi reklamati f'dawn il-proceduri, ghandu jigi ukoll saldat mill-istess kjamata.

F'dan l-assunt, il-konvenut huwa errat. Kwalsiasi hlas akkont li seta' sar mill-kjamata in kawza lejn attur ma jista' qatt jigi interpretat bhala assunzjoni ta' dejn, u dan ghaliex, kif ukoll statwit fl-Art. 1148 tal-Kodici Civili, terz jista' jhallas id-dejn ta' haddiehor (jew parti minnu) bla ma jassumi l-obbligazzjoni pre-ezistenti bejn kreditur u debitur. Fi kliem iehor, il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn, li mhux tieghu, ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn. *Del resto*, hu provdut fic-citata disposizzjoni tal-Kodici Civili li n-nuqqas ta' hlas tad-debitur tista' tirrimedja ghalih terza persuna, sew jekk din il-persuna jkollha interess u sew jekk le (ara, *inter alia*, **MAC Limited et v. Said International Limited et**, Prim'Awla, 9 ta' Ottubru, 2003 u **Pardi Enterprises v. Joseph Farrugia et**, Appell Inferjuri, 10 ta' Lulju, 2003). Hu wkoll risaput illi, "*sabiex ikun hemm assunzjoni ta' dejn hemm bzonn li l-obbligazzjoni ta' haddiehor jaghmilha tieghu min jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn, li mhux tieghu ma jfissirx, li huwa assuma dak id-dejn.*" (**Zammit v. Frendo Azzopardi**, Qorti tal-Kummerc, 14 ta' Mejju, 1943) Fl-istess sens huma d-decizjonijiet *in re* **J & C Pisani Limited v. Nicholsons The Supermarket Limited et** (Prim'Awla, 30 ta' Ottubru, 2003) u **PJ Sutters Company Limited v. Michael Debono** (Appell Inferjuri, 28 ta' April, 2004). In aggjunta, hekk kif affermat fis-sentenza *in re* **Frozen Art Limited v. Emanuel *sive***

---

*parte, quindi, cui una presunzione è opposta, non può limitarsi ad asserire il contrario, ma deve distruggere la presunzione stessa con una chiara e indubitata prova della fatta impugnativa*."

[39] Fix-xhieda taghha, Isabelle Bellia tishaq ghal diversi drabi li hi kienet wettqet il-pagament ta' €1,000.00c fuq insistenza tal-konvenut (*a foll.* 89–98).

**Manuel Portelli et** (Appell Inferjuri, 30 ta' Jannar, 2009), *"Hu principju esplicitu fil-ligi taghna illi kulhadd seta' jhallas id-dejn ta' haddiehor u l-kreditur ta' l-obbligazzjoni lanqas seta' jirrifjuta l-hlas hekk offert lilu mit-terza persuna. Dan johrog car mill-provvedimenti ta' l-Artikoli 1148(2) u 1149(1) tal-Kodici Civili.* Sic et sempliciter *hlas ta' din ix-xorta mit-terz ma kienx jimporta l-krejazzjoni ta' relazzjoni guridika bejn min ihallas u l-kreditur. Dan, ammenokke, ma tkunx ukoll positivament accertata l-ezistenza ta' assunzjoni vera u proprja ta' dak id-debitu ta' haddiehor."*

**(iv)** Il-fatt li Isabelle Bellia f'xi okkazzjoni taghat xi struzzjonijiet lill-attur ma jfissirx li b'hekk intemmet ir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenut Vincent Vella u giet sostitwita b'ohra.

Il-konvenut ressaq bhala xhud lil Martin Spiteri. Dan jigi missier Erika Spiteri li kellha ftehim ta' sullokazzjoni mal-kjamata in kawza sabiex tutilizza parti mill-hanut fin-Naxxar ai finijiet ta' *beautician*.[40] Dan ix-xhud sostna li f'tali ftehim kien hemm l-obbligu li l-kjamata in kawza tiehu hsieb taghmel kollox hi (kemm l-apparat biex jintuza min Erika Spiteri bhala *beautician* u kif ukoll l-ghamara).[41] Madanakollu, minn qari ta' l-istess ftehim, ma jirrizultax dan l-obbligu. Dan ix-xhud sostna wkoll li kien hemm okkazzjoni fejn iltaqghu fil-hanut Isabelle Bellia, bintu Erika Spiteri, l-attur u hu, fejn Isabelle Bellia kienet taghat xi struzzjonijiet lill-attur dwar l-ghamara li kien jehtieg il-hanut.[42] Hawnhekk ukoll il-konvenut m'ghandux ragun. Apparti dak li ser jinghad fil-punti li jsegwu, il-fatt li f'okkazzjoni l-kjamata in kawza ghaddiet xi struzzjonijiet lill-attur dwar kif kellha tigi mfassla l-ghamara (ukoll skond xi xewqat tas-sub-inkilina Erika Spiteri), dan ma jfissirx li l-kjamata in kawza dahlet f'legam dirett ma' l-istess attur. L-inkarigu inghata lill-attur mill-konvenut kif diga' intwera hawn fuq u l-fatt li l-imsejjha fil-kawza esprimiet xi xewqat jew opinjonijiet dwar kif xtaqet l-ghamara ma jissostitwix ir-rabta pri-ezistenti bejn il-konvenut u l-attur u lanqas ma jgib fix-xejn l-istess vinkolu kuntrattwali, izda sempliciment jikkumplimentah, ossia li l-inkarigu baqa' moghti mill-konvenut u l-kjamata in kawza solament esprimeit certu preferenzi.

---

[40] Ara ftehim ta' sulokazzjoni datat 22 ta' April, 2015 (*a foll*. 71–74). Eventwalment tali sullokazzjoni giet mitmuma hekk kif jghid Martin Spiteri (*a foll*. 62–63) peress li bintu kienet qed tfittex alternattiva lavorattiva ohra (*a fol*. 63).
[41] Ara *a fol*. 59.
[42] Ara *a fol*. 60.

Inoltre, *gratia argomenti*, bl-istess ragunament, allura wiehed ghandu jikkunsidra anke lis-sub-inkwilina Erika Spiteri bhala persuna li ghandha certu legam ma' l-attur u dan ghax Isabelle Bellia (allegatament) uriet lill-attur kif kellha tigi l-ghamara li kienet destinata ghall-utilizz ta' l-istess sub-inkwilina. Skond missier Erika Spiteri (Martin Spiteri), tali struzzjonijiet inghataw lill-attur fil-presenza tieghu (Martin Spiteri) u ta' bintu (Erika Spiteri). Mela allura, fis-skiet tal-ftehim, Isabelle Bellia tigi *lunga manus* ta' Erika Spiteri fl-ghoti ta' tali struzzjonijiet? It-twegiba hija fin-negattiv ghax, fid-dawl ta' dak kollu diskuss *supra*, tali ragunament ma jregix.

**(v)** Il-lokazzjoni sehhet bejn il-kjamata in kawza (Isabelle Bellia) u l-kumpannija Vinco Limited u mhux mal-konvenut (Vincent Vella) *in personam*.[43] Dan l-aspett jaghti lok ghal numru ta' konsiderazzjonijiet.

Dan ifisser li jekk tassew Isabelle Bellia kienet allegatament rapprezentata di fronti ghall-attur, din kienet hekk rapprezentata mill-istess kumpannija u mhux minn Vincent Vella personalment u dan in forza tal-principju ta' "distinct juridical personality" tal-kumpannija ormai rikonoxxut mill-gurisprudenza lokali u kif ukoll fil-Ligi pozittiva [ara Art 1A tal-Kodici Civili u Art. 4(4) ta' l-"Att Dwar il-Kumpanniji" (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta)].

Minn dan johrog ukoll illi f'tali sitwazzjoni Vincent Vella ma jistax jinkolpa f'Isabelle Bellia peress li bejnu *in personam* u bejn Isabelle Bellia m'hemmx relazzjoni ta' inkwilinat.[44] Tali relazzjoni tezisti bejn Vinco Limited u Isabelle Bellia. Dan jixhduh l-iskritturi ta' lokazzjoni, dik ta' sullokazzjoni[45] u kif ukoll l-iskrittura ta' terminazzjoni ta' lokazzjoni. Fihom Vincent Vella qatt ma deher fil-vesti tieghu personali izda dejjem in rapprezentanza u ghan-nom ta' l-imsemmija

---

[43] Ara ftehim ta' lokazzjoni datat 16 ta' Marzu, 2015 (*a foll*. 12–14), filwaqt li l-iskrittura ta' terminazzjoni ta' tali lokazzjoni hi datata 7 ta' Awwissu, 2015 (*a fol*. 11). F'entrambi l-partijiet kienu Isabelle Bellia bhala "l-kerreja" u Vinco Limited (bhala "s-sid").

[44] Sorprendentement din id-distinzjoni tisfuggi lill-konvenut f'dawn il-proceduri. Izda meta l-kjamata in kawza kienet bghatitlu ittra legali personalment ghar-ritorn ta' xi oggetti fil-hanut (*vide* ittra datata 20.11.2017 *a fol*. 85, ri-ezibita *a fol*. 105) hu kien wiegeb u sostna, *inter alia*, li "*Illi fl-ewwel lok nigbed l-attenzjoni ghal fatt li l-klijent tieghi* [Vincent Vella] *ma huwiex il-legittimu kontradittur stante illi l-kirja rigwardanti l-fond immobbli kienet ma' terzi* [i.e., Vinco Limited] *u mhux ml-klijent tieghi.*" (*vide* ittra legali datata 22.11.2017 *a fol*. 86, ri-ezibita *a fol*. 106).

[45] Ara ftehim ta' sullokazzjoni datat 22 ta' April, 2015 bejn Isabelle Bellia (bhala "l-inkwilina"), Erika Spiteri (bhala "s-sub-konduttrici") u Vinco Limited (bhala "s-sid") ezibit *a foll*. 71–74.

kumpannija.[46] Għalhekk, jekk kien hemm xi forma ta' (allegat) intendiment dwar l-għamara fil-ħanut tan-Naxxar, dan se mai (allegatament) seħħ bejn l-indikata soċjetà kummerċjali u Isabelle Bellia, illi fih Vincent Vella *in personam* huwa totalment aljen u estraneju għalih in forza tal-predett prinċipju legali. Għalhekk, loġikament ma jagħmilx sens li l-konvenut Vincent Vella jipprova jisposta l-obbligu fuq il-kajamta in kawża Isabelle Bellia *qua* inkwilina peress li din ta' l-aħħar ma kinitx vinkolata miegħu personalment dwar il-ħanut fin-Naxxar iżda mal-kumpannija Vinco Limited.

**(vi)** Il-fatt li l-kjamata in kawża (Isabelle Bellia) kienet tmur fil-ħanut tattendi għal xi laqgħa (jew iżjed) meta kien ikun hemm l-attur (Raymond Borg) preżenti waqt li jieħu xi qisien ma jfisser xejn fiċ-ċirkostanzi emerġenti minn dan il-każ.

Isabelle Bellia kienet mistennija tieħu interess fil-ħanut bħala eventwali inkwilina (jew li kienet laħqet ħadet b'titolu lokatizzu) u anke biex tissalvagwardja, bħala *bonus paterfamilias*, l-interessi tas-sub-inkwilina Erika Spiteri. Il-preżenza tagħha hemmhekk ma kinitx tagħmilha awtomatikament parteċipi f'vinkolu ma' l-attur dwar ix-xogħlijiet t'għamara li l-attur kellu jwettaq. Jekk dan kellu jiġi aċċettat, Martin Spiteri u bintu Erika Spiteri (is-sub-inkwilina) għandhom jiġu wkoll awtomatikament marbuta fil-konfront ta' l-attur. Kif rajna *supra*, dan kollu ma jagħmel l-ebda sens u huwa għalhekk li dan it-Tribunal ħa l-iżbriga li jiddefinixxi bl-aħjar ħila li jippossjedi l-preċett ta' «rapport ġuridiku» u dak ta' «kontradittur leġittimu» ħalli l-perspettiva legali tirrifletti u timxi in tandem ma' l-ottika fattwali tal-ġrajja *de quo*.

Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet toħroġ lampanti u naturali l-konklużjoni illi l-linja difensjonali tal-konvenut Vincent Vella tikkrolla fuqha stess quddiem il-pretiża attriċi, peress li ħareġ manifest li huwa solament l-istess konvenut li għandu jwieġeb għaliha.

Jekk, *gratia argomenti*, kien hemm rapport jew relazzjoni bejn il-konvenut *in personam* li kellu jew li seta' kellu mal-kjamata fil-kawża, din hi waħda li ċertament ma tinkwadrax ruħha fil-preżenti azzjoni, għax hija għal kollox estraneja għas-sitwazzjoni ta' l-attur u s-sejħa ta' Isabelle Bellia f'dawn il-proċeduri da parti tal-konvenut Vincent Vella ma tissanax din il-qagħda. Kif ġie

[46] Huwa għal tali motiv illi martu, Mary Rose Vella, sostniet li hi qatt ma ffirmat l-ebda ftehim u kienet tħalli f'idejn żewġha l-konvenut (ara *a fol*. 53).

ritenut fis-sentenza *in re* **Carmelo Mamo v. Brian Abela noe** (Appell Civili, 4 ta' Frar, 2000), "*Dan iwassal ghall-konkluzzjoni li l-istitut tal-kjamata fil-kawza hu intiz 'per integrare il-procedimento coll'aggiunta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso' ("Zahra vs Scicluna" - Q.K. 21 ta' Jannar, 1919). Jekk allura jirrizulta mill-provi li l-attur ma seta' qatt jottjeni l-kundanna gudizzjarja tal-kjamat fil-kawza ghaliex ma dan ma ghandu ebda relazzjoni guridika, u jigi allura stabbilit li dan ma kienx il-legittimu kontradittur tieghu, anke jekk jirrizulta li seta' kien fuq l-istess meritu l-legittimu kontradittur tal-konvenut, din il-Qorti ma tarax kif tista' l-azzjoni tregi fil-konfront tieghu*." Ara wkoll, fejn jiswa, id-decizjoni *in re* **Maltacom p.l.c. v. C.P.L. Developments Limited et** (Prim'Awla, 26 ta' April, 2001).

Jekk hemm tali rabta bejn il-konvenut *in personam* u l-kjamata fil-kawza, din ovvjament qed tibqa' impregudikata, izda però ghall-fini ta' din il-kawza, l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jistghux jigu milqugha primarjament minhabba nuqqas ta' provi ta' l-allegazzjonijiet minnu vantati, u wkoll peress li tali eccezzjonijiet ma jbiddlu xejn mir-relazzjoni ezistenti bejn l-attur u l-istess konvenut abbazi tal-ftehim t'appalt ezistenti bejniethom.

Residwalment, dan iwassal sabiex tigi kkunsidrata l-posizzjoni tal-kjamata in kawza Isabelle Bellia.

Illi fil-konfront taghha – kif muri *supra* – l-attur ma ghandu l-ebda rapport u ghalhekk l-istess kjamata in kawza m'hijiex il-kontradittur legittimu, u fil-konfront tal-konvenut, l-allegazzjonijiet vantati mill-istess konvenut kontra l-kjamata in kawza jistghu se mai jwasslu biex l-istess konvenut (dejjem jekk ghandu jedd u d-debita kapacità) jaghzel jipprocedi kontra taghha b'azzjoni *ad hoc*, però ghall-fini tal-prezenti litigju ma hemm ebda triq ohra hlief li l-istess kjamata in kawza tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. F'dan is-sens l-ewwel eccezzjoni tal-kjamata in kawza Isabelle Bellia timmerita akkoljiment.

Ghal dak li jikkoncerna l-ammont domandat f'dawn il-proceduri (i.e., €1,160.00c), il-kwantità u l-konsistenza tieghu ma gietx kontestata. Ix-xoghol kummissjonat sehh u kieku stess, tali aspett tal-proceduri qatt ma kien impoggi fid-dubju mill-kontendenti u dwaru tressqu provi tajbin u sufficjenti da parti ta' l-attur. Ghalhekk, jirrizulta li hemm kreditu favurih fl-imsemmi ammont li ghandu jigi saldat, kif fuq diskuss, mill-konvenut Vincent Vella.

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li

jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Vincent Vella bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u filwaqt li jillibera mill-ossservanza tal-gudizzju lill-kjamata in kawza Isabelle Bellia minhabba nuqqas ta' relazzjoni guridika ma' l-attur, qed jilqa' t-talba attrici fil-konfront biss tal-konvenut Vincent Vella, b'dan illi jiddikjara lill-konvenut Vincent Vella debitur ta' l-attur fis-somma ta' elf, mija u sittin ewro (€1,160.00c) u konsegwentement jordna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dan l-imsemmi ammont ta' €1,160.00c.

L-imghax fuq l-ammont ta' €1,160.00c, bir-rata ta' 8% fis-sena, ghandu jibda' jiddekorri mis-7 ta' Mejju, 2016 illi hija d-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' April, 2016 (bin-numru 695/2016) li poggiet lill-konvenut *in mora* u fiha hemm specifikatament indikat l-ammont domandat f'dawn il-proceduri.[47]

---

[47] F'dan il-kaz il-parti attrici talbet l-interessi (fuq somma likwida u determinata) minn data antecedenti ghall-intavolar tal-prezenti proceduri u ghalhekk, fuq l-istregwa tad-decizjoni riportata f'*Kollez.* **Vol. XXVII-I-978**, jikkonsegwi li d-domanda ghall-interessi tifforma, "*un unico oggetto colla domanda per la sorte*". Ara wkoll id-decizjoni *in re* **Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi et noe v. Goldenegg Enterprises Limited** (Appell Inferjuri, 13 ta' Gunju, 2008). Minn certa impostazzjoni gurisprudenzjali, l-interessi jistghu jkunu nkwadrati fi tlett kategoriji, ossija (i) dawk **moratorji** dovuti b'titolu ta' rizarciment ta' danni ghad-dewmien tad-debitur fl-adempiment ta' l-obbligazzjoni [*ex* Art. 1141(1) kombinat mà l-Art. 1130(1) tal-Kodici Civili]; (ii) dawk **korrispettivi** in kwantu jirrapprezentaw il-korrispettiv tat-tgawdija ta' somma determinata ta' flus oltre l-iskadenza tal-kreditu [*ex* Art. 1139 tal-Kodici Civili]; u (iii) dawk **kompensattivi**, imprexxindibilment minn kwalsiasi dewmien jew dak tas-semplici skadenza tad-debitu. Normalment, dawn jinghataw b'titolu ekwitattiv biex jikkompensaw lil kreditur ta' l-obbligazzjoni mit-telf tal-godiment tas-somma rizarcitorja. Il-gurisprudenza jidher li tenuncja f'dan il-kuntest illi l-interessi fuq is-somma likwidata b'titolu ta' rizarciment tad-dannu ghandhom natura kompensativa bl-iskop li jigi evitat pregudizzju lill-kreditur. F'kaz bhal dan, hekk kif tenuncja s-sentenza fl-ismijiet **Evaristo Psaila et v. George Spiteri** (Appell Kummercjali fit-12 ta' Frar, 1965), "*il-Qorti ghandha diskrezzjoni minn meta takkordahom.*" F'dan ir-rigward ara wkoll id-decizjoni *in re* **Mekkanika Limited v. Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Heritage Malta** (Appell Inferjuri, 6 ta' Frar, 2008). Fil-kaz in dizamina, l-interessi jaqghu taht din it-tielet kategorija. Il-parti attrici talbet li l-imghax jibda' jiddekorri minn data precedenti ghal dik li fiha saret it-talba gudizzjarja permezz tal-prezenti azzjoni. Precedentement, hi kienet interpellat lill-parti konvenuta sabiex tersaq ghall-hlas ta' cifra tramite att gudizzjarju, ossia ittra ufficjali. Issa, ai termini ta' l-Art. 1141(2) tal-Kodici Civili, "*l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b' att gudizzjarju*". (ara wkoll *in re* **Anthony Debono et v. Anthony Debono et**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2008. Naturalment, ittra ufficjali tinkwadra fid-definizzjoni ta' "att gudizzjarju", tant illi taht l-Art. 2128 tal-Kodici Civili – ai finijiet ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni – hi deskritta bhala att gudizzjarju. Minn dan kollu jikkonsegwi illi gjaladarba l-parti mharrka kienet giet debitament notifikata b'att gudizzjarju (l-ittra ufficjali) li kien jikkontjenti ammont definit, determinat u gja likwidu, mid-data tan-notifika tieghu (u mhux mid-data ta' l-ittra ufficjali), l-istess parti konvenuta kienet impoggija *in mora* u allura l-imghaxijiet bdew jiddekorru minn tali data, stante illi hi kienet a konoxxenza tas-somma pretiza mill-kontroparti, hawn attrici. Hekk kif jinsab awtorevolment ritenut fid-decizjoni *in re* **Iris Dalmas v. Ronnie German et** (Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2005), "*Ghall-iskop tad-dekorriment ta' l-imghax hu mehtieg interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqieghed in mora.*" B'aktar precizjoni jinsab ritenut fil-gudikat *in re* **Ruth Spiteri v. Emanuel Vella noe** (Appell Inferjuri, 5 ta' Marzu, 2003) illi, "*sabiex jiddekorru l-imghaxijiet l-interpellazzjoni trid tkun wahda specifika ghall-hlas ta' ammont ta' flus u mhux semplici intimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq l-obbligi kontrattwali tieghu.*"

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk marbuta ma' l-ittra ufficjali ta' l-attur tat-28 ta' April, 2016 (bin-numru 695/2016), ghandhom jigu sopportati unikament u kompletament mill-konvenut Vincent Vella, b'dan li jibqa' mpregudikat kwalsiasi jedd (jekk hemm) spettanti lill-konvenut Vincent Vella li jipprocedi kontra l-kjamata in kawza b'azzjoni *per se* abbazi ta' l-allegazzjonijiet minnu vantati kontra taghha.

***ft*. Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft*. Adrian Pace**
*Deputat Registratur*